MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 503/2000/1

**Martin Abela**

**vs**

**Maria Dolores sive Doreen Abela; u b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2000 Dr Leslie Cuschieri u PL Hilda Ellul Mercer gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess konvenuta; u b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Frar 2001 il-konvenuta Maria Dolores Abela assumiet l-atti flok il-kuraturi li bl-istess digriet gew estromessi mill-atti tal-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-8 t'Awissu 1992 u miz-zwieg taghhom kellhom tifel wiehed cjoe' Jean Abela, illi twieled fis-6 t'Awissu 1997;

Illi l-hajja matrimonjali tal-kontendenti tkissret irrimedjabilment u konsegwentement l-attur istitwixxa quddiem is-Sekond' Awla ghas-separazzjoni personali u sabiex l-istess Qorti tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri tigi fdata lill-istes attur ghall-ahjar interess tat-tifel minuri, liema rikors jinsab appuntat ghas-smiegh ghat-28 ta' Marzu 2000;

Illi fil-5 ta' Marzu 2000, il-konvenuta, minghajr ma nfurmat lil hadd u wisq anqas lill-attur, siefret ghal gimghat lejn Brussels u hadet it-tifel minuri maghha;

Billi l-attur sar jaf b'dan il-fatt wara illi ghamel l-investigazzjonijiet kollha mehtiega u wara illi fis-6 ta' Marzu 2000 talab u ottjena minn dina l-Onorabbli Qorti l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni 782/00 illi bih gie inibit u pprojbit is-Safar tal-imsemmi minuri;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna u tiddikjara illi l-attur ghandu nteress illi l-minuri ibnu Jean Claude Abela fuq imsemmi ma jittehidx barra minn Malta .

2. Tordna u tiddikjara illi l-minuri Jean Claude Abela fuq imsemmi ma ghandux jittiehed barra minn Malta.

3. Tinibixxi definittivament lill-konvenuta milli tiehu lill-minuri Jean Claude Abela barra minn Malta.

4. Tordna illi b'effett tal-eventwali sentenza ta' dina l-Qorti u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabbilit bil-Ligi, l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi numru 782/00, komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha tal-istess Mandat lill-Ufficcjali msemmija fil-Mandat, jibqghu definittivament fis-sehh.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni mahrug fis-6 ta’ Marzu 2000, kontra l-konvenuta illi tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol.10 tal-process fejn eccepiet illi:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* illi l-azzjoni hekk kif promossa mill-attur mhix guridikament proponibbli ghaliex fic-cirkostanzi m’hemm l-ebda dritt li jista’ jigi kkawtelat billi l-Mandat ta’ Inibizzjoni bin-numru 782/00 jibqa’ fis-sehh.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuta a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti ordnat li l-kuraturi ghandhom jigu estromessi. L-attrici talbet u giet lilha koncessa l-fakolta’ li tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Monica Borg Galea biex tigbor il-provi; tal-20 ta’ Settembru 2001; u tal-11 ta’ Jannar 2002.

Rat in-nota tal-attur li biha gew ipprezentati l-affidavits ta’ l-attur u ta’ missieru Oreste Abela.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ Gunju 2002; tat-23 ta’ Jannar 2003; tad-29 ta’ Jannar 2003 u tal-24 ta’ Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta’ Novembru 2003.

Rat is-seduti kollha mizmuma minn Dr. Monica Borg Galea;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. IL-VERTENZA ODJERNA.</u>

Illi din hija kawza fejn missier qed jitlob illi l-minuri iben ukoll il-konvenuta ma jithalliex isiefer minn dawn il-gzejjer. Illi din il-kawza hija konsegwenti ghall-Mandat ta' Inibizzjoni (Nru. 782/00) fl-ismijiet premessi li gie degretat fis-6 ta' Marzu 2000.

Illi min-naha taghha l-konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi l-azzjoni attrici mhix guridikament proponibbli ghaliex fic-cirkostanzi m'hemm l-ebda dritt li jista' jigi kkawtelat billi l-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi jibqa' fis-sehh.

## III. PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur, **Martin Abela** spjega kif beda l-inkwiet fiz-zwieg tieghu. Hu xehed li fis-6 ta' Novembru 1999 martu nfurmatu li tax-xoghol riedu jibaghtuha kors ta' gimgha barra minn Malta. Meta rritornat fit-13 ta' Novembru 1999 huwa nduna b'differenza fl-atteggjament taghha. Infatti ftit sieghat wara li waslet lura Malta ma kellhiex futur. Wara xi xahar meta rcieva l-kont tat-telefon induna li kien hemm tliet telefonati *overseas.* B'hekk huwa ndaga billi cempel lil *Human Resources Manager* ta' fejn kienet tahdem il-konvenuta u hu sar jaf li ma kienx minnu li l-konvenuta kienet siefret ghax baghtuha mix-xoghol. Infatti hi kienet ibbukkjat l-*leave* personali taghha biex issiefer. L-attur ukoll sar jaf li n-numru tat-telephone ta' barra minn Malta kien jappartjeni lil certu Jean Francois Cherisot li hu *Custom Liason Officer* tal-istess kumpanija ta' martu gewwa Franza. Meta affronta lil martu billi staqsiha jekk hi kellhiex relazzjoni ma' dan il-Franciz ammettiet mieghu li iva. Huma baqghu jghixu flimkien. Kien hemm zmien fejn hi qaltlu li kellha bzonn tirrifletti u li ma kenitx qed thossha f'sikkitha. F'dan iz-zmien missierha ssuggerilhom biex jiehdu vaganza u hi mmedjatament qaltlu biex lit-tifel jaghmluh fuq il-passaport taghha. L-inkwiet bejniethom baqa' u fit-13 ta' Dicembru 1999 ircieva ittra mill-konsulent legali taghha fejn infurmatu illi xtaqet tissepara bonarjament. Pero' baqghu flimkien.

Illi mbaghad fil-5 ta' Marzu 2000 huwa mar ghax-xoghol u meta mar lura d-dar induna li ma kien hemm hadd u sab hafna affarijiet neqsin mid-dar. Doreen hallietlu karta fejn qaltlu : *"Jiena Doreen. Jiena u t-tifel tlaqna u ma nistax ninfurmak fejn qeghda, jkun ahjar ghalina t-tnejn illi ma nghidlekx fejn qeghdin".* Huwa u missieru marru jaghmlu rapport l-Ghassa taz-Zejtun li martu kienet telqet b'ibnu mid-dar. Fil-ghaxija mar l-Information Office tal-Air Malta u gie nfurmat li kellha tirritorna fit-12 ta' Marzu 2000. Illi mbaghad ghamel l-investigazzjonijiet tieghu dwar telefonati li saru minn martu minn fejn irrizulta li hi kienet qed iccempel Franza lil Cherisot (vide Dok "MA 2, 3 u 4" a fol. 41 sa 44 tal-process).

Illi fit-12 ta' Marzu huwa u missieru marru l-ajruport jistennewhom pero' baqghu ma gewx. Dakinhar stess marru jaghmlu rapport iehor id-*Depot fl-Emigration Department* u kellmu lill-Ispettur Neville Xuereb. Sadanittant baqa' ma jafx x'kien gara minn martu u minn ibnu. L-ghada rega' mar jaghmel rapport iehor u talbuh ritratti taghha u tat-tifel. Wara hames xhur tal-investigazzjonijiet gie nfurmat mill-Pulizija ta' Malta tad-Dipartiment tal-Emigrazzjoni illi l-Interpol ta' Franza kienu rrintraccaw lil martu u lil ibnu f'post gewwa Franza pero' ma setghux ituh l-indirizz. Kien irrizulta illi martu u ibnu kienu qed jirrisjedu ma' Cherisot li martu kienet ammettiet li kellha relazzjoni mieghu.

Illi fl-10 ta' Mejju 2000 huwa rcieva ittra mill-konsulent legali ta' martu li hi ma kellhiex l-intenzjoni li tigi lura Malta pero' pproponiet illi hu seta' jaccedi ghat-tifel tliet darbiet fis-sena peress li kien ser jibda jattendi skola gewwa Franza (vide Dok. "MA5" a fol. 45 tal-process). Huwa kkomunika mal-Ambaxxata Franciza f'Malta fejn gie suggeriet lilu Avukatessa Franciza u nvestigatur privat. Fl-14 ta' Lulju 2000 l-avukat tieghu rcieva *fax* minghand il-Pulizija ta' Malta u nfurmawh illi l-Interpol gewwa Franza kellhom informazzjoni illi martu u ibnu kienu jinsabu tajjeb pero' qallu wkoll illi Doreen ma rieditx taghti nformazzjoni dwar fejn kienet qed tirrisjedi (vide Dok "MA 7" a fol. 47 tal-process).

Illi fis-6 ta' Awissu 2000 tela' Franza biex ifittex lil Cherisot. L-investigatur privat li kien qed ighinhom fit-tfittxija ta' ibnu nfurmahom li Cherisot kien maghruf mal-pulizija u li kellu kondotta hazina. Sakemm dam hemmhekk ma sabuhomx u gew infurmati mill-kollega tax-xoghol ta' Cherisot li kienu msefrin. Wara gimgha li wasal lura Malta l-investigatur privat infurmah li huwa kellu ritratti ta' martu, it-tifel u Cherisot u li huma kienu marru lura mill-btala pero' kienu qeghdin joqoghdu f'indirizz iehor. B'hekk bdew il-proceduri gewwa Franza u Malta sabiex jitregga' lura t-tifel.

Illi sadanittant ma sema' xejn minghand l-avukat taghha jew familjari taghha. Ghall-habta ta' Jannar 2001 gie nfurmat minn persuna li kien ra lil Doreen Abela tahdem gewwa l-Pirella Supermarket. Wara xi gimgha rcieva ittra minghand l-avukat taghha fejn gie nfurmat illi peress li kienu nbidlu c-cirkostanzi l-klijenta tieghu kienet qed tikkonsidra l-possibbilta' illi tirritorna lura lejn Malta meta fil-fatt huwa kien jaf illi hi kienet diga' Malta. Pero' huwa kien ghadu xorta ma rax lil ibnu. Huwa kien rah f'Marzu 2001 ghax waqt seduta l-Qorti l-Imhallef kien iddcieda illi kellu jara lit-tifel ghal siegha darbtejn fil-gimgha sakemm it-tifel jerga' jibda jidrah. It-tifel dam ftit sabiex jerga' jidra l-ambjent izda wara ftit zmien il-hinijiet tal-access bdew jizdiedu b'ordni tal-Qorti u sa llum ghadu jarah skond id-Digriet tal-Qorti. F'Dicembru 2001 ibnu nfurmah li martu kienet regghet siefret u damet seba' gimghat. Sussegwentement xehed *viva voce* u qal illi qabel ma' martu siefret l-ewwel darba l-Italja waheda huwa kien sab id-dar *casettes* tal-lingwa Franciza. Meta staqsiha dwarhom qaltlu ghax il-kumpanija li kienet tahdem maghha xtaquha titghallem il-lingwa ghax hija kienet *customs liasing officer.*

Illi **Oreste Abela** missier l-attur ikkonferma dak li qal ibnu fl-affidavit tieghu u zied xi affarijet ohra sabiex isostni li z-zwieg ta' bejn ibnu u l-konvenuta kien wiehed tajjeb sakemm hija sabet lil xi hadd iehor. Minn hemmhekk hi tbiddlet u dan imbaghad wassal sakemm hi telqet minn Malta bit-tifel f'Marzu 2000. Hija damet hemmhekk sa Jannar 2001. Ix-xhud qal illi huwa kien m'ibnu f'kull

mument meta saru l-investigazzjonijiet. Sussegwentement fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju zied ftit max-xhieda tieghu dwar il-komportament tal-konvenuta.

Illi **Silvio Desira**, hu l-konvenuta, xehed li jahdem id-Dowty u ilu hemmhekk tmien snin. Doreen ma tahdimx aktar hemm pero' hija kienet ilha tahdem hemmhekk qabel ma dahal huwa u baqghet tahdem anke wara li kellha lit-tifel. Huwa ma kienx jahdem fl-istess dipartiment m'ohtu. Huwa jaf li ohtu marret ghal xi xhur Franza bit-tifel u li Martin ma kienx mar. Huwa qal li fiz-zmien li kienet imsiefra lilu ma kinitx kitbitlu jew cemplitlu u ma jafx jekk ikkorrispondietx mal-genituri taghhom. Huwa qal li qabel ma telqet kien jaf li se ssiefer izda ma kienx jaf fejn sejra. Sussegwentement sar jaf ghax sema' lill-genituri tieghu jitkellmu. Meta mistoqsi jekk huwa u l-genituri tieghu qattx marru jaraw lil Doreen Franza rrisponda li huwa ma marx. Jaf li ommu u missieru marru Franza pero' ma jafx jekk marrux fil-post fejn kienet qed tghix ohtu. Huwa qal li Doreen kienet qaltlu li kien hemm problemi matrimonjali u hu pprova jghinhom biex jirrangaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom. Huwa pero' ma dahalx ezatt dwar x'kienu dawn il-problemi. Meta marret Franza xehed li ma jafx jekk baghtuhiex tax-xoghol pero' dak iz-zmien kien ghadha tahdem maghhom. Hija hadmet l-ahhar gurnata qabel ma siefret lejn Franza.

Illi **l-Ispettur Neville Xuereb** xehed li fit-22 ta' Marzu 2000 il-Pulizija kienet irceviet ittra minghand Dr. Stephen Thake ghan-nom ta' Martin Abela fejn talab lill-Kummissarju tal-Pulizija biex issir tfittxija dwar il-*"precise whereabouts"* tat-tifel minuri tieghu. Huwa kien talab ukoll biex il-Pulizija taghmel it-tfittxijiet necessarji anke mal-familja ta' martu. L-attur mar hafna drabi jkellmu biex jara x'ikun gara. Ix-xhud ha hsieb it-tfittxija fir-rigward tal-Interpol. L-allegazzjoni kienet li l-konvenuta kienet siefret lejn Brussels. Fl-ittra mibghuta l-attur kien kiteb li hu kien konxju li martu kellha hbiberija ma' persuna ta' nazzjonalita' Franciza u anke kien tahom it-*telephone number* illi kien jinsab gewwa Franza u ghalhekk saru t-tfittxijiet gewwa Franza.

Illi nfatti huwa xehed li marru Franza. Bdew l-investigazzjonijiet taghhom billi kitbu gewwa Franza u talbuhom li jaghmlu nvestigazzjoni fir-rigward tal-persuna illi kellhom it-*telephone number*. Fl-20 ta' Gunju 2000 saru jafu li l-konvenuta u binha kien qed ighixu ma' Jean Francois Cherisot u dan wara hafna *reminders* lill-awtoritajiet Francizi. Fl-10 ta' Lulju ta' dik is-sena mbaghad l-awtoritajiet Francizi kienu kkonfermawlhom li kemm l-omm u anke t-tifel kienu jinsabu *safe and in good health* u li kienu qed ighixu ma' Cherisot. Huwa kompla li ladarba jkunu jafu li l-persuni jkunu *safe and in good health* jieqfu mit-tfittxijiet taghhom. *Inoltre* kienu gew infurmati illi l-konvenuta kenet tkellmet mal-awtoritajiet Francizi u ma xtaqitx li tinforma lill-awtoritajiet lokali bl-indirizz taghha gewwa Franza, u kienu nfurmawhom min kien l-avukat taghha f'Malta. Illi mistoqsi dwar jekk jafx x'gara wara dawn it-tfittxijiet qal li jirrizulta mill-*file* illi l-passaport mahrug f'isem Maria Dolores Abela nghata lura lill-Passport office mill-istess konvenuta. Illi fil-*file* ghandu wkoll ittra datata l-1 ta' Gunju 2001 minghand id-Direttur tal-Passport Office li fis-17 ta' Mejju tal-istess sena huma kienu gew moghtija ordni permezz tal-Qorti biex jithassar l-isem tal-minuri mill-passaport ta' Maria Dolores Abela.

Illi **l-Ispettur Louise Calleja** xehdet li fis-6 ta' Marzu 2000 Martin Abela ghamel rapport l-Ghassa taz-Zejtun fejn irrapporta li martu Maria Dolores Abela kienet neqsa mid-dar flimkien ma' binha minuri Jean Claude li dak iz-zmien kellu tliet snin. F'dan il-kaz kien gie stabbilit illi martu u ibnu minuri kienu telqu mill-pajjiz. Bhala *Vice Squad* hija rreferiet dan il-kaz lid-Dipartiment tal-Emigrazzjoni tal-Pulizija biex ikun hemm konferma li z-zewg persuni rappurtati *missing* ikunu effettivament telqu minn Malta. Fil-fatt hekk kien irrizulta u kienu rcevew konferma li kienu jinsabu barra minn Malta. L-*enquiries* kienu saru mill-ghassa u rcevew risposta mill-MIA. Hija tkellmet mal-familjari tal-attur imma mhux ma' taghha. Il-*Vice Squad* tahdem biss f'kaz ta' *missing persons* u ghalhekk ma kienx hemm necessita' min-naha taghhom li jkellmu lill-genituri tal-konvenuta jew persuni ohra li jigu minnha peress illi kienu sabu li kienet telqet minn Malta.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jinghad fl-ewwel lok illi l-konvenuta ghalkemm moghtija kull opportunita' biex tressaq il-provi taghha xorta wahda baqghet ma ressqet xejn.

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza rrizulta bla ebda dubju illi l-konvenuta f'Marzu tas-sena 2000 qabdet u telqet minn Malta b'binha l-minuri u siefret lejn Franza. Dan minghajr ma qalet xejn lill-attur. Dan mhux kontradett u rrizulta mhux biss mix-xhieda tal-attur u missieru izda wkoll mill-Ispetturi Neville Xuereb u Louse Vella. Infatti rrizulta li l-konvenuta marret tirrisjedi ma' terza persuna, Jean Francois Cherisot, u cahdet lill-attur milli jara lil ibnu ghal diversi xhur. Infatti hija qalet lill-awtoritajiet Francizi li ma rieditx lill-awtoritajiet Maltin l-indirizz taghha. Illi l-attur sa anke kellu jqabbad investigatur privat Franciz li skopra fejn kienet b'iben il-minuri taghhom. Illi anke meta giet Malta ma nfurmatx lill-attur li kienet hawn u baqa' ma jarax lil ibnu u kien biss wara l-intervent tal-Qorti li l-attur, sena wara li martu harbet b'ibnu, rega' kellu access ghalih. *Inoltre* mill-mod ta' kif il-konvenuta gabet ruhha qabel ma siefret u l-mod kif dahket bl-istess attur ukoll jikkonvinci lil din il-Qorti li l-preokkupazzjoni tal-attur hija wahda legittima u gustifikata. Illi ghall-kuntrarju ta' dak li gie sostnut fl-eccezzjonijiet tal-konvenuta, l-attur irid jikkawtela d-dritt tieghu ta' genitur in kwantu huwa ghandu dritt li jara lill-minuri u li jippartecipa fil-hajja tieghu, u dan dejjem fil-kuntest tal-ahjar interessi tal-minuri.

Illi kwindi huwa fl-interess suprem tal-istess minuri li fis-sitwazzjoni prezenti l-minuri m'ghandux jittiehed 'il barra mill-gurisdizzjoni taghha hlief b'ordni tal-Qorti.

## V. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tordna u tiddikjara illi l-attur ghandu nteress illi l-minuri ibnu Jean Claude Abela ma jittihidx barra minn Malta, u dan anke fl-interess tal-istess minuri nnifsu.

2. Tordna u tiddikjara li l-minuri Jean Claude Abela ma ghandux jittiehed barra minn Malta kemm sabiex jkunu protetti d-drittijiet pjieni ta' l-attrici, izda aktar u aktar sabiex jigu protetti d-drittijiet tal-ulied minuri, u dan qed isir fl-interess massimu tal-istess minuri, u din id-decizjoni ghandha tibqa' *in vigore* sakemm l-istess minuri jsir maggorenni, salv jekk xi parti tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni.

3. Tinibixxi lill-konvenuta milli tiehu lill-minuri Jean Claude Abela barra minn Malta u din definittivament fis-sens li din id-decizjoni ghandha tibqa' *in vigore* sakemm l-istess minuri jsir maggorenni, salv jekk xi parti tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni.

4. Tordna li b'effett tad-data tas-sentenza ta' din il-Qorti u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabbilit bil-ligi u skond kif hawn deciz, l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi Numru 782/00 jibqghu definittivament fis-sehh.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata u notifikata a spejjez attrici kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura li jibqghu jsehhu l-effetti tal-Mandat imsemmi u sabiex l-isem tal-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport tal-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill Kontrollur tad-Dwana sabiex jaraw u jassiguraw li l-istess minuri Jean Claude Abela ma jithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizjoni tal-Qorti kompetenti, komunikata lilhom rispettivament skond il-Ligi.

Il-Qorti tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza tigi notifikata *tramite* d-Direttur Generali a spejjez ta' l-attur lill-ufficjal inkarigat mill-Ufficju tal-Passaporti, u lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kontrollur tad-Dwana.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni mahrug fis-6 ta' Marzu 2000 Numru 782/00 kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------